MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Awwissu, 2010

Numru. 879/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**KONTRA**

**DARREN CROSS**
**NOEL GRECH**
**CHARLOT CHETCUTI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Darren Cross ta’ 24 sena, bin Paul Andrew George u Josette nee’ Sammut, mwieled Pieta’ nhar it- 18 ta’ Marzu 1986, residenti Binja Vista, Ent D, Flat no. 8, Triq il- Konti

G. A. Ciantar, B’ Kara u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 145986(M);

U

Noel Grech ta’ 24 sena, bin Mario u Michelina nee’ Borg, mwieled Pieta’ nhar l- 4 ta’ Dicembru 1985, residenti no. 77, Triq l- Antinni, Mosta u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 1886(M);

U

Charlot Chetcuti ta’ 20 sena, bin Joseph Mary u Mary Grace nee’ Ciantar, mwieled Pieta’ nhar l- 1 ta’ Ottubru 1989, residenti no. 18, Triq ill- Kurat Bezzina, Mosta u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 454089(M);

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall- imputazzjonijiet;

Talli :

1) F’ xi hin bil- lejl fil- perjodu ta’ bejn it- 23 u s- 26 ta’ April 2010 volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ hsara li tikkkonsisti fi tqaccit ta’ diversi sigar jewwa l- masgar maghruf bhala Foresta 2000 sitwat fil- Marfa limiti tal- Mellieha liema hsara li teccedi €1164.69 u li saret fil- propjeta’ pubblika, tammonta komplessivament ghal €3960 u dan ghad- dannu tal- Gvern ta’ Malta u/ jew persuni ohra;

2) Fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, bi ksur tar- Regolament 6 tal- Avviz Legali 12 ta’ 2001 Att Biex Ihares l- Ambjent (KAp 348) Regolamenti tal- 2001 dwar il- Harsien tas- Sigar u l- Imsagar, waqqghu jew ipprovaw iwaqqghu, qatghu jew ipprovaw jaqtghu, nehhew jew ipprovaw inehhu qoxra tas- sigra jew partijiet taghha, nehhew jew ipprovaw inehhu l- weraq tas- sigar jew partijiet taghhom, qalghu jew ipprovaw jaqilghu l- gheruq, nehhew jew ipprovaw inehhu l- injam wahhlu jew ipprovaw iwahhlu xi haga ma’ jew bi kwalunkwe mod

qerdu jew ipprovaw jeqirdu, ghamlu hsara jew ipprovaw jaghmlu hsara, lil xi sigar jew partijiet taghhom li huma elenkati fl- Iskedi I, II u III u ta’ xi sigar jew parijiet taghhom li jinsabu fl- inhawi elenkati fl- Iskeda IV li jinsabu ma’ dawn ir- regolamenti, hlief ghal ragunijiet ta’ maniggar jew ta’ intervent kirugiku mwettqa mid- Dipartiment jew mid- Dipartiment tal- Agrikoltura jew minn persuni minnhom awtorizzati, msemmija fir- regolament 15 tal- Avviz Legali 12 tal- 2001 Att Biex Ihares l- Ambjent (KAp. 348) Regolament tal- 2001dwar il- Harsien tas- Sigar u l- Imsagar (2) (c) u cioe sigar ta’ taht l- ghaxar snin fl- eta’;

3) Lil Noel Grech wahdu talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, b’ sentenza moghtija lilu mill- Qorti ta’ l- Appell Kriminali datata 24 ta’ Settembru 2009, b’ sentenza moghtija lilu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Vella LL.D, datata 3 ta’ Frar 2010, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

4) Lil Charlot Chetcuti wahdu talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, b’ zewg sentenzi moghtija lilu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Vella LL.D datati 3 ta’ Gunju 2009 u l- 14 ta’ Ottubru 2009, rispettivament, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidraw, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati ammettew fl-aktar stadju bikri li huma kienu, bejn it-23 u s-26 ta' April 2010 qatghu madwar mitt sigra ta' eta' taht l-ghaxar snin, fil-masgar gdid maghruf bhala Foresta 2000 fil-limiti tal-Mellieha. In vista tal-ammissjoni taghhom, din il-Qorti qed issibhom hatja ta' dan ir-reat, u tista' ghalhekk tghaddi biex tikkunsidra l-piena. Huwa minnu li att vandalu u barbaru bhal dan igieghel wiehed jistaqsi ghaliex il-bniedem jasal biex jaghmel attakk hekk bla sens fuq in-natura. Ir-risposta giet fl-istqarrijiet tal-istess imputati, li qalu li huma irritaljaw kontra r-regolamenti tal-kacca li kienu qed isiru aktar iebsin. Di fatti t-tlitt imputati huma dilettanti sew tal-kacca. Fil-fehma tal-Qorti, hija bluha kbira li tesprimi d-disapprovazzjoni tieghek lejn l-awtorita' billi tqaccat 'il fuq minn mitt sigra, bhala xi forma ta' tpattija "by proxy" lejn min qed jipprova jirregola l-isport tal-kacca. Dan l-att vandalu wera bic-car kemm hemm aktar bzonn ta' taghlim u ta' edukazzjoni li kull hsara fuq l-ambjent hu hsara lill-patrimonju malti u ta' hsara ghall-bniedem innifsu.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti hi tal-fehma li jkun hafna aktar utli jekk l-istess imputati jaghtu lura lill-komunita' dak li huma hadu. L-ahjar mod biex dan isir hu billi l-istess imputati jaghmlu numru ta' sieghat bhala servizz fil-komunita', ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ser tara kif taghmel u tiehu hsieb, flimkien mal-Ufficjal tal-Probation li jkollu jissorvelja x-xoghol u l-hinijiet taghhom, biex dan is-servizz fil-komunita' jsir ma' ghaqdiet jew agenziji li jharsu n-natura. Dan ghandu jservi biex huma jitghallmu mill-imgieba taghhom u jibdew japprezzaw l-isforzi kbar li dawn l-istess agenziji u ghaqdiet jaghmlu biex isebbhu l-ambjent u jtejbu l-ghixien taghna ukoll. Flimkien ma' dan l-ordni ta' servizz, il-Qorti sejra torbothom ukoll biex ihallsu lura d-danni effettivi li huma ghamlu, liema danni jammontaw ghal €3,960 (tlitt elef, disa' mija w sittin Ewro), kif ukoll ser tikkundannahom ghall hlas ta' Multa kull wiehed.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Ir- Regolament 6 tal- A.L. 12 ta’ 2001 Kapitolu 348 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll l- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tikkundannahom multa ta’ elf ewro (€1,000) kull wiehed.
Inoltre, ai terminu tal- Artikolu 11 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill- imputati jaghmlu servizz fil-komunita’ ghal perjodu ta’ tlett mitt (300) siegha kull wiehed.
Tordna ukoll li l-imputati jhallsu s-somma ta’ elf, tlett mija u ghoxrin ewro (€1,320) kull wiehed lill- parte civile indikat fl-atti, ai terminu tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------